**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Ġenerali**

**Maġistrat Dr Brigitte Sultana LL.D., LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Ġimgħa, 29 ta' Ottubru 2021**

**Rikors Ġuramentat numru: 15/2018 BS**

**Ġanni Attard**

**vs**

**Josephine Cachia u permezz ta' digriet tat-3 ta' Settembru 2018 il-kunjom 'Cachia' għandu jiġi jaqra 'Farrugia'**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat ai termini tal-Artikoli 167 et seq. Tal-Kap. XII tal-Liġijiet ta' Malta fejn l-attur ippremetta:**

1. Illi permezz ta' skrittura datata tnejn u għoxrin (22) ta' Settembru, tas-sena elfejn u għaxra (2010), kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A, il-konvenuta flimkien u solidalment ma' ċertu Anthony Muscat ddikjaraw rwieħhom bħala veri, ċerti u likwidi debituri fil-konfront tar-rikorrent fis-somma ta' tnejn u għoxrin elf, ħames mija, u sitta u tletin Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€22,536.68), liema skrittura ġiet debitament iffirmata mill-partijiet fil-preżenta tan-Nutar Pubbliku Dottor Josianne Mifsud;

2. Illi l-partijiet qablu li għandu jiddekorri imgħax bir-rata ta' sitta fil-mija (6%) fis-sena fuq kull bilanċ li jkun dovut, liema imgħaxijiet kellhom jibdew jiddekorru b'seħħ mill-ewwel (1) ta' Jannar, tas-sena elfejn u għaxra (2010);

3. Illi nonostante li skond l-imsemmija skrittura d-debituri kellhom jagħmlu l-almu tagħhom sabiex iħallsu dan id-debitu kemm jista' jkun malajr, l-imsemmija debituri, u għalhekk il-konvenuta Josephine Cachia bħala debitriċi in solidum, baqgħet ma ħallsitx xejn mill-ammont imsemmi fl-iskrittura u dan minkejja li ġiet interpellata diversi drabi sabiex tagħmel dan;

4. Illi permezz ta' att fl-atti tan-Nutar Dottor Josianne Mifsud tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar, tas-sena elfejn u sbatax (2017) l-iskrittura hawn fuq imsemmija ġiet debitament transuntata, kopja tal-imsemmi transunt qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok. B;

5. Illi permezz ta' Ittra Uffiċċjali Nurmu 187/2017 tal-ħdax (11) ta' April, tas-sena elfejn u sbatax (2017), filwaqt li r-rikorrenti interpella formalment lill-konvenuta Josephine Cachia sabiex tħallas il-kapital u l-imgħaxijiet dekorsi sa dik il-ġurnata, huwa kkapitalizza l-imgħaxijiet dovuti skond il-Liġi u dan fl-ammont ta' wieħed u tletin elf, erba' mija u Euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€31,401.93), hekk kif jidher mill-kopja tal-Ittra Uffiċċjali hawn annessa u mmarkata bħala Dok. C;

6. Illi minkejja li l-konvenuta ġiet debitament interpellata sabiex hija tħallas l-ammont dovut lir-rikorrent, hija xorta waħda baqgħet inottempranti u ma ssaldatx l-ebda pagament, u dan minkejja li l-Ittra Uffiċċjali hawn fuq imsemmija ġiet debitament notifikata fid-disgħa (9) ta' Mejju, tas-sena elfejn u sbatax (2017), u ma kien hemm l-ebda tweġiba għaliha;

7. Illi l-bilanċ tad-dejn li l-konvenuta għandha mar-rikorrenti kien jammonta fit-tlettax (13) ta' Frar, tas-sena elfejn u tmintax (2018) għal tlieta u tletin elf, ħames mija u wieħed u għoxrin Euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€33,521.78);

8. Illi dan id-dejn huwa wieħed ċert, likwidu, u dovut, u sa fejn jaf ir-rikorrenti, il-konvenuta ma għandhiex eċċezzjonijiet validi x'tagħti kontra din it-talba għall-ħlas lura ta' dan id-dejn;

9. Illi r-rikorrenti intavola Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fl-ismijiet premessi li jġib in-Numru 10/2018 (PC) in sostenn tat-talbiet kontenuti f'dan ir-rikors ġuramentat;

10. Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

11. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

**Talab lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddisponi mit-talbiet bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-Artikoli 167 *et seq*. tal-Kap. XII tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara dovuta lir-rikorrenti mill-konvenuta, bħala debitriċi in solidum, is-somma ta' tlieta u tletin elf, ħames mija u wieħed u għoxrin Euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€33,521.78), dovuta f'kapital u imgħax in konnessjoni mad-debitu mertu tal-iskrittura tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Settembru, tas-sena elfejn u għaxra (2010);

3. Tikkundanna lill-konvenuta, bħala debitriċi in solidum, sabiex tħallas lir-rikorrenti din is-somma ta' tlieta u tletin elf, ħames mija u wieħed u għoxrin Euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€33,521.78), bl-imgħaxijiet ulterjuri b'effett mill-14 ta' Frar, 2018 sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż inklużi tal-Ittra Uffiċċjali Numru 187/2017 tal-11 ta' April, 2017, tal-Ittra Uffiċċjali Nru 94/2010 tat-12 ta' Lulju, 2010, u tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 10/2018 kontra l-konvenuta.

Bl-inġunzjoni tal-konvenuta għas-subbizzjoni li għaliha minn issa hija mħarrka.

**Rat ir-risposta ġuramentata ta' Josephine Farrugia illi eċċepiet:**

1. Preliminarjament jiġi eċċepit illi l-azzjoni tal-attur Ganni Attard ma tistax tirnexxi għaliex hija kolpita bil-preskrizzjoni ta' ħames snin ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi mingħajr preġudizzjoni għas-suespost l-iskrittura datata tnejn u għoxrin (22) ta' Settembru elfejn u għaxra (2010) hija nulla stante illi mhux minnu li l-attur biegħ lill-konvenuta Josephine Farrugia xi bhejjem u oġġetti oħra relatati u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża kif ukoll illi din

saret taħt theddid li sar mill-attur fil-konfront tal-konvenuta u din ma kellhiex triq oħra għajr illi tiffirma l-istess skrittura.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni.

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta' Marzu 2018, in vista tal-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuta dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni, il-Qorti kif dakinhar preseduta dderiġiet lill-partijiet sabiex iressqu l-provi limitatament dwar din l-eċċezzjoni;

Rat illi b'digriet tat-3 ta' Settembru 2018 il-Qorti kif dakinhar preseduta laqgħet it-talba tal-attur u ordnat illi ssir korrezzjoni fl-occhio tal-kawża fis-sens illi Josephine Cachia tiġi taqra Josephine Farrugia stante illi minn mindu ġie iffirmat il-kostituzzjoni ta' debitu sa meta nbdew il-proċeduri odjerni, l-konvenuta laħqet isseparat legalment minn ma' żewġha u rrivertiet għal kunjom xbubitha;

Rat illi b'sentenza tat-8 ta' Jannar 2019 din il-Qorti kif dakinhar preseduta ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2156(f) u ordnat il-prosegwiment tal-kawża fil-mertu;

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Frar 2019 fejn il-Qorti diversament preseduta laqgħet it-talba tal-attur u ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatroju bin-numru 10/18PC fl-ismijiet **Ġanni Attard vs Josephine Cachia**;

Semgħet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet;

**Il-Fatti**

Mill-inkartament proċesswali jirriżulta fit-12 ta' Lulju 2010 l-attur ippreżenta fir-Reġistru tal-Qorti l-ittra uffiċjali numru 94/10 ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta[1]. Din l-ittra ġiet debitament notifikata fit-13 ta' Lulju 2010[2] u mwieġba separatament minn Muscat u minn Cachia li rrespinġew il-pretensjoni tal-attur bħala infondata[3].

[1] 'Dok. D' a fol. 10, Vol. I tal-proċess.
[2] A fol. 11, Vol. I tal-proċess.
[3] A fol. 12 sa 15 tal-proċess.

Bi skrittura tat-22 ta' Settembru 2010 fl-atti tan-Nutara Dottor Josianne Mifsud saret kostituzzjoni ta' debitu bejn l-attur John Attard, il-konvenuta Josephine Cachia u Anthony Muscat illi mhuwiex parti f'dawn il-proċeduri[4]. Permezz ta' dan l-att Muscat u Cachia kkostitwew ruħhom vera, ċerti u likwidi debituri tal-attur fis-somma ta' €22,536.68 rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' bhejjem u oġġetti oħra mixtrija mingħand Attard. Id-Debituri ntrabtu wkoll illi jħallsu l-imgħax bir-rata ta' 6% annwi b'effett mill-1 ta' Jannar 2010 sad-data tal-pagament effettiv.

Cachia u Muscat ġew ukoll interpellati bl-ittra uffiċjali numru 187/10 tal-11 ta' April 2017[5] li għalkemm debitament notifikata lil Josephine Cauchi[6], qatt ma ġiet imwieġba.

L-Attur talab u kiseb ukoll mandat ta' sekwestru kawtelatroju bin-numru 10/18PC fl-ismijiet **Ġanni Attard vs Josephine Cachia**.

Il-Kostituzzjoni ta' debitu tat-22 ta' Settembru 2010 ġiet tranżunta fil-25 ta' Jannar 2017[7].

**Il-Provi**

In-Nutara Dottor Josianne Mifsud li rċeviet il-kostituzzjoni ta' debitu xehdet illi l-att ġie tranżunt fuq talba tal-attur.

L-attur xehed illi d-dejn li għandha miegħu il-konvenuta jirrappreżenta ħlas ta' ballal tat-tiben li l-konvenuta u Muscat kienu jieħdu mingħandu. Jgħid illi kienu jieħdu bejn 4 u 6 ballal fil-ġimgħa u kull balla tiswa €50. Din il-biċċa damet għaddejja għal medda ta' madwar sitt xhur. In oltre jgħid illi hu kien jagħti l-flus lill-konvenuta għaliex din kienet iġġiblu qalbu ġunġliena meta tgħid li hi u Muscat ma kellhomx flus u li Muscat kellu manteniment għoli xi jħallas bil-konsegwenza li jekk ma jħallasx jispiċċa l-ħabs. Jgħid għalhekk illi hu kien jislifhom il-flus.

Għalkemm l-attur xehed illi kien jieħu nota tal-balal li kien jagħti lill-konvenuta, l-attur ma ressaq ebda prova in sostenn ta' dan. Lanqas ma ressaq prova dwar l-ammonti mislufa lill-konvenuta.

---

[4] 'Dok. A' a fol. 6, Vol. I tal-proċess.
[5] 'Dok. C' a fol. 8, Vol. I tal-proċess.
[6] A fol. 9, Vol. I tal-proċess.
[7] 'Dok. B' a fol. 7, Vol. I tal-proċess.

In kontroeżami l-attur xehed illi kienet proprju l-konvenuta illi ħadet lill-attur għand in-Nutara għall-iffirmar tal-kostituzzjoni ta' debitu. Jgħid illi għalih kien jimporta biss li fuq il-karta jitniżżel l-ammont li kellu jiġbor lura mingħand il-konvenuta u ma kienx jinteressah x'raġuni ngħatat li tiġġustifika d-dejn.

Mill-banda l-oħra l-Qorti għandha quddiemha xhieda ferm kontrastanti mogħtija mill-konvenuta li xehdet li għall-ħabta tas-sajf tas-sena 2010 l-attur kien qiegħed jiġri warajha sabiex tiffirma karta li kellha tagħtih il-flus. Tgħid illi darba minnhom saħansitra ġiet mhedda li taqla' daqqa ta' sikkina u li ma tarax ix-xemx tal-għada. Għall-ħabta ta' Settembru tas-sena 2010 l-attur ħa lill-konvenuta u lil Anthony Muscat għand in-nutara u hemm iffirmaw il-kostituzzjoni ta' debitu. Tgħid illi minn dakinhar 'il quddiem ma semgħetx aktar mingħand l-attur. Ġara illi sitt snin wara l-attur mar in-Nadur fl-inħawi tax-Xemmiex fejn il-konvenuta u Muscat kienu qegħdin jaħdmu r-raba'. Il-konvenuta xehdet illi dakinhar l-attur kien talabhom jisifluh bejn erbgħa u ħamest'elef ewro. Il-konvenuta rrifjutat u nqalgħet ġlieda li tifforma l-mertu ta' proċeduri kriminali li għandhom pendenti fil-konfront tal-attur.

In kontroeżami xehdet illi hi kienet preżenti meta saret il-kostituzzjoni ta' debitu u ffirmat id-dokument wara li nqara lilha min-Nutara Mifsud. Tgħid illi dakinhar hi u Muscat saqu bil-vettura tagħhom waqt illi l-attur saq warajhom riekeb il-mutur tiegħu sakemm waslu l-uffiċċju tan-Nutara Mifsud ġewwa x-Xagħra, Għawdex. Il-konvenuta tisħaq illi ffirmat l-att għar-raġuni li kienet qiegħda tiġi mhedda mill-attur biss f'dan ir-rigward qatt ma ħadet ebda passi.

**Ikkunsidrat**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qiegħed ifittex illi l-konvenuta tiġi ordnata tħallas id-dejn li għandha mal-attur skont kif rifless fil-kostituzzjoni ta' debitu tat-22 ta' Settembru 2010.

Waqt l-istadju tal-ġbir tal-provi, preċiżament waqt illi kienet qiegħda tixhed in-Nutar Josianne Mifsud, l-abbli difensur tal-konvenuta qanqlet il-punt illi l-iskrittura privata kienet ġiet tranżunta unikament fuq talba tal-attur. F'dan ir-rigward għandu jingħad illi deċiżjoni unilaterali ta' parti waħda hija suffiċjenti sabiex att jiġi tranżunt u ċjoè konservat fl-atti ta' nutar għaliex b'daqshekk ebda parti ma hija ser issofri xi preġudizzju. Għalkemm skrittura privata tibqa' valida anki jekk mhux tanżunta, it-tranżunzjoni ta' dak l-att tfisser biss illi l-att qiegħed

jiġi preżervat fl-atti ta' nutar sabiex la jintilef u lanqas ma jkun hemm lok li xi parti tmiss dak l-att b'tali mod li tippreġudika d-drittijiet tal-parti l-oħra.

Diversi huma l-isfaċċettaturi tal-vertenza odjerna.

**1. *Pacta Sunt Servanda***

Il-ftehim illi l-partijiet jilħqu bejniethom u li jikkristallizaw f'kuntratt jew kitba privata huwa l-espressjoni tar-rieda tagħhom. Isegwi illi meta fil-forma u fis-sustanza l-ftehim isir skont kif preskritt fil-liġi, dak il-ftehim ikollu s-saħħa ta' liġi bejn il-partijiet tant illi dak il-ftehim jista' jinbidel biss bis-saħħa ta' ftehim ieħor bejn l-istess partijiet.

Fis-sentenza li tat fil-5 ta' Ottubru 1998 mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **"Beacon vs Spiteri Staines"** jingħad hekk:-

*Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volontà tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali li trid tiġi osservata - pacta sunt servanda.*

Fit-termini tal-Artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili:

*Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi.* (ara – **"Depares noe vs O'Dea noe" –** Appell - 25 ta' Ġunju 1996).

**2. *Contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non fertur***

Hija kopjuża l-ġurisprudenza li tirribadixxi u tenforza d-dispożizzjoni tal-Artikolu 1002 tal-Kap. 16 li fejn il-kliem ta' att meħud fis-sens skont l-użu tal-kuntratt huwa ċar, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni[8]. F'każ fejn jinħoloq dubju dwar is-sens mogħti lill-konvenzjoni huwa l-ġudikant li għandu b'mod oġġettiv jislet l-intenzjoni tal-partijiet skont kif riflessa fl-att in eżami. Fejn il-konvenzjoni tirriżulta ċara u mill-volontà tal-kontraenti liberament espressa, tirriżulta inekwivoka, mhux leċitu għall-Qorti illi tinterpreta tali konvenzjoni jew tattribwilha motivazzjoni ulterjuri li la tirriżulta mid-diċitura tal-ftehim u lanqas minn

[8] **Sciberras Trigona vs Aneico**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta` Ottubru 1883; **John Zammit et vs Michael Zammit Tabona et noe** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 1987; **Spiteri vs Borg**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta` Novembru 2000.

ċirkostanzi oħra. Għalhekk, bl-applikażżjoni tal-prinċipju *in claris non fit interpretatio*, fejn is-sinjifikat tal-konvenzjoni jkun ċar u fejn il-fatti li jkunu wasslu għal dak il-ftehim kif ukoll fatti sussegwenti ma jpoġġux fid-dubju l-volontà tal-kontraenti ma jkunx leċitu għall-ġudikant illi jagħti lil dik l-iskrittura sinjifikat divers minn dak liberament espress mill-kontraenti għaliex il-prinċipju tad-dritt huwa : *in claris non fit interpretatio.*

Waqt illi bħala regola mhumiex ammissibbli provi li jmorru kontra dak imniżżel mill-partijiet, fis-sentenza fl-ismijiet **Morana vs Spiteri et** deċiża fis-26 ta' Mejju 1952, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat illi din ir-regola mhijiex waħda assoluta. Tlieta huma s-sitwazzjonijiet li joħolqu eċċezzjoni għal din ir-regola: meta l-att jiġi impunjat minħabba simulazzjoni; jew meta l-att isir biex jitgħatta jew jinħeba l-att li realment ried isir mill-partijiet; jew meta l-Qorti tkun persważa li jkun sar żball fil-kuntratt. Fis-sentenza appena ċitata l-Qorti kompliet tgħid hekk:

1. *Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta' bejniethom, għandu jiġi preżunt li dak li riedu jiftehmu fuqu niżżluh f'dik l-iskrittura. Għalhekk ma għandux ikun leċitu li wieħed mill-kontraenti jdaħħal f'dak il-ftehim klawsoli oħra li mill-kitba ma jirriżultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qegħdin ifissru jew jiċċaraw il-klawsoli prinċipali...;*

2. *Għalkemm huwa veru li provi orali jistgħu jiġu ammessi biex jiġu deluċidati punti oskuri ta' kitba jew f'xi każi ta' impunjazzjoni ta' dik il-kitba iżda l-provi orali mhumiex ammissibbli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diġà ċar...;*

3. *Ir-regola li kontra l-prova miktub ma tistax tiġi ammessa prova testimonjali mhix applikabbli meta l-prova tiġi offerta biex tiġi mfissra aħjar l-intenzjoni tal-kontraenti li tkun espressa b'mod ambigwu jew oskur, jew meta jrid jiġi pruvat xi fatt inċidentali jew aċċessorju li jkun konċiljabbli mal-att...;*

4. *Il-prinċipju "contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur" jibqa' jseħħ sakemm il-Qorti ma tkunx persważa illi hemm, żball fil-kuntratt jew li tħalla barra xi patt għal xi raġuni speċjali...*

### 3. <u>Konflitt ta' provi</u>

Mill-provi huwa ben evidenti l-kunflitt tal-provi fejn il-partijiet fuq il-kostituzzjoni ta' debitu qegħdin ifornu verżjonijiet totalment differenti għar-raġunijiet li wassluhom għall-iffirmar ta' dak l-att.

Dwar il-kunflitt tal-provi, fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' April 2003 fil-kawża fl-ismijiet **Ciantar vs Curmi noe** kien preċiżat illi:-

*Huwa ben magħruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew ineżattezzi fil-provi għandhom iħallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fihom ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo;*

*Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)*

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Chef Choice Limited vs Raymond Galea et** deċiża fis-26 ta' Settembru 2013 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk:

*… Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta' prova fil-proċediment ċivili m'huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi suppożizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju. Iżda f'każijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kważi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdaħħal xi egħmil tal-qerq tal-parti mħarrka huwa ammess li "f'kawża ċivili d-dolo jista' jiġi stabbilit anke permezz ta' preżunzjonijiet u indizji, purkè s'intendi jkunu serji, preċiżi u konkordanti, b'tali mod li ma jħallu l-ebda dubju f'min hu msejjaħ biex jiġġudika" (ara - P.A. PS - Emanuel Ciantar vs David Curmi et - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).*

*Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Mercieca). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piz lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-*

*fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil).*

*Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*

*… Iżda dak li jgħodd f'kawża m'huwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex "il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f'kawża...ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'għajnejha magħluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jiġix prodott biex jixhed 'favur' parti jew 'kontra' oħra, imma jiġi prodott biex jgħid il-verità, il-verità kollha, u xejn anqas minn dik il-verità kollha" (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi et)*

*Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħal ma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu ta' bilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.) Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 - Emanuel*

*Ciantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)*

Fis-sustanza l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenuta hija fis-sens illi l-iskrittura tat-22 ta' Settembru 2010 hija: a) nulla stante illi bbażata fuq kawża illeċita u b) il-kunsens tal-konvenuta kien miksub bit-theddid.

a) **Kawża Illeċita**

Il-Kawża illeċita hija regolata mill-**Artikolu 987** tal-Kodiċi Ċivili. Id-dispożizzjoni taqra hekk:

*L-obbligazzjoni mingħajr kawża, jew magħmula fuq kawża falza jew illeċita, m'għandha ebda effett.*

L-**Artikolu 990** tal-Kap 16 ifisser illi:

*Il-kawża hija illeċita meta hija pprojbita mil-liġi jew kuntrarja għall-egħmil xieraq jew għall-ordni pubbliku.*

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Charles Bartolo vs Victor Chetcuti** deċiża fit-13 ta' Ġunju 2013 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili rrilevat is-segwenti:

*Il-qrati tagħna dejjem irritenew li n-nullità ta' kuntratt u konsegwentement l-obbligazzjoni naxxenti minn dak il-kuntratt tista' tiġi dedotta per via d'eċċezzjoni u mhux meħtieġ li, tiġi dedotta b'azzjoni, u dana meta dik in-nullità hija espressament stabbilità mil-liġi. Il-Qorti tal-Appell fil-kawża "Elena Agius vs Giuseppe Ciancio" - deċiża fit-3 ta' Frar 1936 hekk esprimiet ruħha :-*

*"Il-kelma nullità hija użata fix-xjenza ġuridika f'żewġ sensi, wieħed fis-sens proprju ta' "ineżistenza", jiġifieri kuntratt null ma jkunx jeżisti u qiesu qatt ma sar, u l-ieħor ta' "annullabilità", jiġifieri meta l-kuntratt jew att ieħor jista' jeżisti u jibqa' jseħħ sakemm ma jiġix imħassar u mwaqqa' għal xi raġuni li ssemmi u trid il-liġi. Il-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati hija kostanti li tirritjeni li meta l-kwistjoni hija ta' nullità, il-konvenut f'kawża jista' jqajjimha b'eċċezzjoni, iżda jekk hija waħda ta' annullabilità hu ma jistax iġibha 'l quddiem ħlief b'kawża separata 'ad hoc'." Difatti huwa paċifiku li din in-nullità tista' anke tiġi sollevata mill-Qorti ex ufficio. (Pace et vs Agius et Vol XLID.p.684)*

*Illi kif diversi drabi ġie deċiż minn din il-Qorti u mill-Qorti tal-Appell (ara ad es. sentenzi "Reman -vs-Papa" -21 ta' Marzu 1933 ; "Portanier -vs Overend" -14 ta' Diċembru 1934; u "Smith -vs-Lawrence" - Qorti tal-Appell tal-15 ta' Mejju 1931) "jekk il-kawża tal-ħlas tal-flus jew tal-oġġetti għandha rapport dirett mal-konkubinat (...) allura l-obbligazzjoni hija nulla; jekk il-flus ġew mislufa fi żmien il-konkubinat, imma bħala negozju indipendenti, allura huwa validu. Però, kif il-ġurisprudenza tagħna kemm estera, u d-dottrina wkoll dejjem irriteniet, dina hija kwistjoni unikament ta' fatt illi għandha tkun eżaminata mingħand il-ġudikant f'kull każ speċifiku skont iċ-ċirkustanzi ta' dak il-każ, għaliex f'materja hekk delikata dawn iċ-ċirkustanzi jistgħu jkollhom importanza deċiżiva fil-kwistjoni. Hekk f'din il-materja l-Venzi (Diritto Civile, No. 423) jgħid :-*

*"In generale la causa è illeċita quando è contraria alla legge, al buon costume, all'ordine pubblico, quando ciò si verifichi nei singoli casi è rimesso al prudente apprezzamento del giudice."*

*X'jiġri jekk wieħed biss mill-partijiet ikun konsapevoli tal-illegalità jew immoralità?*

*Id-duttrina tiddistingwi bejn il-każ fejn l-illegalità jew immoralità hija unilaterali u fejn hija bilaterali. Jekk iż-żewġ partijiet huma konsapevoli, allura japplika il-prinċipju in pari causa turpitudinis melior est condicio possidentis: nemo auditur propriam turpitudinem alligans. Għaldaqstant hija negata l-azzjoni liż-żewġ partijiet mentri fejn l-immoralità jew l-illegalità hija biss ta' min jircievi l-flus (l-accipiens), u allura min qed jagħti il-flus huwa innocenti, r-restituzzjoni hija ammessa. Dan il-prinċipju hu addottat mill-leġislatur tagħna fl-artikolu 991 tal-Kap 16.*

*Jekk jirriżulta ppruvat li s-somma mitluba hija konnessa mal-logħob tal-azzard, jew tirriżulta minn obbligazzjoni li titqies li hija nulla skont il-Liġi, ma jiswix li l-kreditur isostni li d-debitur ammetta id-dejn, jew li ħallas permezz ta' ċekkijiet għaliex xorta japplikaw ir-regoli hawn fuq ċitati."*

Fis-sentenza riċentissima tagħha fl-ismijiet **Francis u Doris Buhagiar vs Ta' Natu Ltd**, deċiża fis-17 ta' Marzu 2021, waqt illi għamlet referenza għall-ġurisprudenza in materia, il-Qorti tal-Appell għamlet xi osservazzjonijiet li għandhom siwi anki għall-każ in diżamina. Ingħad hekk:

19. *F'dan ir-rigward huwa opportun li jingħad illi fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kuntratt bejn il-partijiet huwa milqut b'kawża illeċita, ġaladarba għażlu li jiddikjaraw prezz differenti minn dak li effettivament tħallas, dan ifisser li l-kontendenti fil-kawża kienu*

*kompliċi fl-illeċitu. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tqis it-talba attriċi ta' danni naxxenti minn inadempjenza kuntrattwali ladarba l-kuntratt in kwistjoni huwa milqut b'kawża illeċita, għaliex b'hekk hija tkun qiegħda tirrendi ruħha kompliċi fit-twettiq ta' ħaġa illeċita. Kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Mejju 2001, fl-ismijiet* ***Raymond Mifsud v. Emanuel Magri****:*

*"Ladarba kien hemm ksur ta' liġi ta' ordni pubbliku, il-qorti ma tistax tqis dan il-ksur bħala xi ħaġa irrelevanti. Iż-żewġ partijiet kisru l-liġi, u għalhekk ma jistgħux issa jinqdew bil-liġi biex ifittxu rimedju kontra xulxin talli, għax kiser il-liġi, xi wieħed minnhom mar minn taħt. It-tnejn kienu kompliċi fl-illegalità u għalhekk issa l-liġi ma tgħinhomx: kulħadd jibqa' b'li ha; in pari turpitudinis causa melior est causa possidentis."*

20. *Għandu jiġi enfasizzat il-prinċipju li min jidħol f'negozju bil-ħsieb li jqarraq bil-liġi, m'għandux ikollu s-serħan tal-moħħ li jekk in-negozju jmur ħażin, ikun jista' jinqeda bil-liġi biex jieħu lura dak li tilef. Il-biża' li jibqa' mingħajr il-ħarsien tal-liġi għandu jservi ta' diżinċentiv għal min jiġih il-ħsieb li jagħmel negozju a skapitu tal-erarju pubbliku u ma għandhiex tkun il-liġi stess li tneħħi dan id-diżinċentiv għal min ikun irid iqarraq biha. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-14 ta' Ottubru, 1997, fil-kawża fl-ismijiet* ***Melita Insurance Brokers Limited v. Joseph Fenech et.*** *u dik ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet* ***Perit Raymond Vassallo vs Anthony Cuschieri*** *deċiża fl-14 ta' Novembru, 1996). Kif rilevat ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Ottubru 1998, (Kollez. Vol. LXXXII.II.734) fl-ismijiet* ***Antonio Cassar noe v. Boris Arcidiacono****:*

*"id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 987 u 991 tal-Kodiċi Ċivili mhumiex intiżi biex jagħtu xi drittijiet jew vantaġġ lil min ikun konxjament u deliberatament ikkontratta obbligazzjoni b'causa illeċita jew kontra l-ordni pubbliku imma kienu biss intiża bħala <u>deterrent</u> kontra l-esekuzzjoni ta' tali obbligazzjoni."*

21. *Dan il-prinċipju ta' kawża illeċita kien trattat ukoll minn din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Ottubru, 1999, fil-kawża fl-ismijiet* ***Julia Borg et v. Carmel Brignone*** *fejn ingħad:*

***"Ġie anzi kostantament ritenut illi f'dawn iċ-ċirkostanzi n-nullità tal-obbligazzioni setgħet tiġi sollevata mill-istess Qorti ex officio. "Hija bla effett kwalunkwe obbligazzjoni magħmula fuq kawża illeċita u l-kawża hija illeċita meta hija projbita mil-liġi jew kuntrarju għall-għemil xieraq jew***

***għall-ordni pubbliku. U konvenzjoni hija kontra l-ordni pubbliku" meta hija kontra l-interess ġenerali. Il-kwistjoni tal-legalità jew le tal-konvinzjoni minħabba kawża illecita tista' tiġi sollevata ex officio."*** *(Vol XLID.p.684 deċiża minn din il-Qorti fl-ismijiet Charles Pace et -vs- Philip Agius et).*

*'Illi 'rebus sic stantibus', kif loġikament jikkonkludi Pacifici Mazzoni:- "Il giudice non può accogliere la domanda diretta ad ottonere l'adempimento di una convenzione fondata sopra causa illecita, o che abbia un oggetto turpe o contrario alla legge, benchè il debitore non apponga eccezione di sorta" (lstituzioni, Vol. ll. para 167) u għalhekk il-Qorti tħoss li għandha tissolleva 'ex officio' n-nullità tal-kondizzjoni fuq miġjuba u magħha n-nullità tal-konvenzjoni relattiva." (Vol. XLIIIC.ii.646)".*

*Applikati l-istess prinċipji għall-każ in ezami, jsegwi li l-azzjoni attriċi għad-danni naxxenti min-nuqqas ta' adempiment ta' obbligazzjoni kuntrattwali da parti tas-soċjetà konvenuta ma tistax tirnexxi, in kwantu ladarba jirriżulta li l-attur appellat kien parteċipi f'kuntratt li huwa milqut bl-illeċitu, ma jistax issa jinqeda bil-liġi sabiex jittanta jfittex rimedju ta' danni kontra s-soċjetà konvenuta għan-nuqqas tagħha riżultanti mill-istess kuntratt. Għalhekk din il-Qorti, filwaqt li tirrileva li l-kuntratt ta' bejgħ tas-17 ta' Lulju, 1989, huwa milqut b'kawża illeċita, ma tqisx xieraq li tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attriċi u kif ingħad qabel, kulħadd għandu jibqa' b'dak li ħa. Din hi materja ta' ordni pubbliku li l-Qorti tista', anzi obbligata, tissollevaha ex officio.*

Il-konvenuta tikkontendi illi l-kawża illeċita tikkonsisti fil-fatt illi waqt illi fl-iskrittura ġie mniżżel illi d-debitu huwa dwar bilanċ ta' prezz ta' bhejjem u oġġetti oħra relatati dan mhuwiex minnu għaliex mill-provi rriżulta ppruvat illi l-attur m'għandu ebda bhejjem reġistrati f'ismu. Dwar dan xehdet Cristina Marino in rappreżentanza tas-servizzi veterinajri li kkonfermat illi mis-sistema elettronika miżmuma mis-sezzjoni imsemmija, liema sistema tirrisali għas-sena 2004, jirriżulta illi l-attur għandu reġistrati f'ismu żewġt iħmir u ħamest iklieb. L-attur m'għandu ebda annimali oħra reġistrati f'ismu. Abbażi ta' din ix-xhieda l-konvenuta targumenta illi l-bejgħ tal-annimali mill-attur jew ma setax iseħħ għaliex m'għandux annimali xi jbiegħ inkella dak il-bejgħ huwa l-frott ta' attività illegali.

Il-Qorti tosserva illi minkejja dak li ġie mniżżel fl-att tat-22 ta' Settembru 2009, fix-xhieda tiegħu l-attur kien skjett meta qal li d-dejn huwa naxxenti minn bejgħ ta' ballal tat-tiben u minn self ta' flus lill-konvenuta sabiex din ikollha biex tgħix u

Anthony Muscat ikollu mnejn iħallas il-manteniment għal uliedu. Imkien fix-xhieda tiegħu l-attur ma jsemmi l-bejgħ tal-annimali.

Il-Qorti tikkondividivi pjenament l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Francis u Doris Buhagiar vs Ta' Natu Limited** *op. cit.* u tqis illi dak illi ngħad f'dik is-sentenza japplika ukoll għall-każ tal-lum. Bħal f'dak il-każ, f'dan il-każ ukoll il-Qorti hija tal-fehma illi l-kuntratt bejn il-partijiet huwa milqut b'kawża illeċita hekk kif il-partijiet fuq l-iskrittura tat-22 ta' Settembru 2010 għażlu li jiddikjaraw id-dejn bħala nexxenti minn kawża differenti minn dik li effettivament tat lok għad-dejn hekk kostitwit. Dan ifisser illi l-partijjiet irrendew ruħhom kompliċi f'att illeċitu bil-konsegwenza li l-Qorti ma tistax tqis it-talba attriċi għaliex li kieku kellha tagħmel dan, il-Qorti stess tkun qiegħda tirrendi ruħha kompliċi fit-twettiq ta' kawża illeċita.

Ferm il-premess, ġaladarba l-Qorti qiegħda tiddikjara l-kuntratt bħala milqut b'kawża illeċita, it-talba attriċi mhux talli ma tistax tirnexxi talli saħansitra l-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

**Decide**

Għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenuta. B'dan illi l-ispejjeż kollha ta' din il-kawża għandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-kontendenti fil-kawża.

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur